**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Frans Micallef)**

**Vs**

**ALI MOHAMMED HASSAN BIN MOHAMMAD**
**(ID No. 46834(A))**

Kaz Nru: 479/13

**Illum il-15 ta' Dicembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' **Ali Mohammed Hassan** iben Ali Mohammed u Fathia nee' Abdalla, mwieled il-Palestina nhar l-10 ta' Ottubru 1984 u detentur tal-karta tal-identita' 46834(A) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe' fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, fit-2 ta' Gunju 2011 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Rrenda ruhu recediv ghal diversi sentenzi li gew definittivament deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-18 ta' Gunju 2010;
3. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi bhala persuna li ma hux ufficjal tal-habs jew persuna mpjegata fil-habs, minghajr l-awtorita' legitima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett ikun li jkun li hu pprojbit skond xi regolament maghmula skond dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs u cioe' xi medicina

perikoluza skond l-ordinana dwar il-Medicini Perikoluzi jew medicina li hi kontrollata b'regolamenti maghmula taht l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha processwali;

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawzi u Doveri data it-28 ta' Lulju 2021;

Rat li fl-udjenza tal-4 t'April 2022 il-partijiet ezentaw lil din il-Qorti hekk kif preseduta mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Semghet is-sottomissjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta li nhar it-2 ta' Gunju 2011 saret tfittxija fic-cella gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li kienet okkupata unikament mill-qua imputat. Fil-fatt l-ufficjali li ghamlu t-tfittxija jghidu li f'din ic-cella kien hemm sodda wahda. Minn din it-tfittxija l-ufficjali fi hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabu bicca zghira suspettata raza tal-Cannabis bejn il-lizar u s-saqqu. Din l-oggett giet elevata, mghoddija lill-pulizija li min-naha taghhom infurmaw lill-Magistrat Inkwerenti li fethet inkjesta. Madanakollu l-ebda espert ma gie nominat f'din l-inkjesta. Sussegwentament is-sustanza giet ipprezentata fl-atti processwali odjerni nhar il-11 ta' Lulju 2018. L-imputat b'mod volontarju ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fejn spjega li dik is-sustanza ma kinitx tieghu u li kien ikun hemm diversi prigunieri ohra li kienu jkunu prezenti fic-cella tieghu anke biex jaraw it-televixin.

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-qua imputat jinsab akkuzat li kien fil-pussess tas-sustanza raza tal-kannabis. Mill-provi mressqa fl-iter processwali jirrizulta b'mod car li s-sustanza instabet fl-isfera ta' pussess tal-qua imputat. Fil-fatt l-ufficjali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jispjegaw li din is-sustanza instabet bejn il-lizar u s-saqqu. Il-lok li fih instabet din is-sustanza ma jindikax li setghet tpoggiet hemm minn prigunieri ohra li zaru c-cella tal-qua imputat ghal ftit mumenti. Jinghad ukoll li mix-xhieda tal-ufficjali jirrizulta li waqt it-tfittxija kien hemm biss il-qua imputat fl-imsemmija cella. Kieku huwa minnu li din is-sustanza kienet ta' prigunier iehor, dan kien ha jiehu s-sustanza lura mieghu mal-

mument li jitlaq mill-istess cella tenut kont tal-fatt ukoll li s-sustanza illecita hija xi haga skarsa f'ambjent ristrettiv bhalma huwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Stabbilit dan, madanakollu jinghad li din il-Qorti hija sprovista minn kwalunkwe prova dwar x'kienet is-sustanza misjuba fic-cella tal-qua imputat. Hekk kif gia nghad f'din is-sentenza, mill-proces verbal jirrizulta kjarament li l-Magistrat Inkwerenti ma nkarigat l-ebda espert sabiex janalizza din is-sustanza. L-istess sustanza elevata giet sussegwentament ipprezentata fl-atti processwali fl-4 t'April tas-sena 2018 mill-ufficjal prosekutur. F'dik l-istess udjenza, d-difiza ddikjarat:

> *"Id-difiza titlob li f'dan l-istadju ma jinhatarx espert biex jezamina id-droga esebita fis-seduta tallum jew altrimenti l-espert mahtur ma jirtirax is-sustanza esebta sabiex ma jsirux spejjez inutli."*[1]

Ai termini ta' dan il-verbal jirrizulta car li l-partijiet fl-ebda istanza ma qablu li s-sustanza esebita hija s-sustanza raza tal-kannabis (hekk kif l-imputat gie akkuzat permezz tal-imputazzjonijiet odjerni). Di piu', il-verbal tad-difiza kjarament jaghmel referenza ghal 'f'dan l-istadju' konsegwentament dak li talab l-avukat difensur ma ghandux jissarraf f'ezenzjoni lill-prosekuzzjoni milli tressaq il-prova tas-sustanza fil-proceduri odjerni izda fil-fehma ta' din il-Qorti hija sempliciment talba lill-Qorti f'istanza partikolari sabiex tigi mghotija zmien bil-ghan li tirregola l-posizzjoni tal-imputat minhabba dak li jistipula l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali rigward l-ispejjez peritali. Minkejja li l-imputat fl-ebda hin ma ddikjara li qed jaqbel mal-prosekuzzjoni li s-sustanza kienet raza tal-kannabis u dak suespost, il-prosekuzzjoni baqghet qatt ma talbet lill-Qorti tahtar espert bil-ghan li janalizza l-imsemmija sustanza. Fil-fatt din il-Qorti hija sprovista mill-prova ta' x'inhi s-sustanza elevata mill-pussess tal-imputat. Tenut kont dawn ir-rizultanzi, fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel imputazzjoni ma gietx sodisfacentament ippruvata.

Ghall-istess ragunijiet din il-Qorti hija tal-fehma li anke t-tielet imputazzjoni ma gietx sodisfacentament ippruvata. Dana galadarba ma tressqet l-ebda prova li tindika li dik is-sustanza misjuba fil-pussess tal-qua imputat kienet effettivament raza tal-Cannabis u ghaldaqstant oggett projbit skond ir-regolamenti ai termini tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta. Irid jinghad ukoll li mill-provi mressqa ma jirrizultax ippruvat li kien proprju l-qua imputat li dahhal l-imsemmija sustanza fil-konfinit tal-habs. Ghaldaqstant, lanqas din l-imputazzjoni ma giet sodisfacentament ippruvata.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li tirrigwarda l-addebitu tar-recidiva, jinghad li l-qua imputat ma jistgha qatt jinsab hati ta' din l-imputazzjoni galadarba ser jigi illiberat mill-bqija tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

---

[1] Fol. 55 tal-atti processwali.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qed issib lill-qua imputat, Ali Mohammed Hassan bin Mohammad mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia
**Deputat Registratur.**